



Brussell, 23 ta' April 2026

CM 2141/26

ECOFIN  
FIN  
RELEX  
CADREFIN  
BUDGET  
PROCED

**KOMUNIKAZZJONI**

**PROĊEDURA BIL-MIKTUB**

---

Kuntatt:	coreper.2@consilium.europa.eu; ecomp1a.ecpol@consilium.europa.eu
Tel./Fax:	+32 2 281 20 62 / +32 2 281 57 84
Suġġett:	Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 <b>Eżitu tal-proċedura bil-miktub mibdija bid-dokument CM 2140/26</b> – Adozzjoni tal-att leġiżlattiv = TMIEM tal-proċedura bil-miktub

---

Id-delegazzjonijiet huma infurmati li l-proċedura bil-miktub, mibdija bid-dokument CM 2140/26 tat-22 ta' April 2026, u estiża bid-dokument CM 2140/1/26 REV 1, tlestiet fit-23 ta' April 2026 u li d-delegazzjonijiet kollha vvutaw favur l-adozzjoni tar-Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027, kif jinsab fid-dokument ST 5470/26;

Intlaħqet l-unanimità meħtieġa. Għalhekk l-att ta' hawn fuq huwa adottat.

Id-dikjarazzjoni min-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza u l-Iżvezja hija riprodotta fl-Anness ta' dan id-dokument.

Id-dikjarazzjoni ser tiġi inkluża fis-sommarju tal-atti adottati bil-proċedura bil-miktub bħala dikjarazzjonijiet li għandhom jiddaħħlu fil-minuti tal-Kunsill, f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 12(1) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill.

---

**DIKJARAZZJONI MIN-NETHERLANDS, L-AWSTRIJA, IL-BELĠJU, IL-ĠERMANJA,  
ID-DANIMARKA, IL-FINLANDJA, FRANZA U L-IŻVEZJA**

Minħabba l-urġenza tal-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Belġju, il-Ġermanja, id-Danimarka, il-Finlandja, Franza u l-Iżvezja jappoġġaw bil-qawwa l-istabbiliment rapidu tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna. F'dan il-kuntest nilqgħu tajjeb l-impenn tal-Kummissjoni li tiffinanzja l-ispejjeż tas-servizzi tad-dejn tas-Self ta' Appoġġ għall-Ukrajna fl-2027 b'disponibbiltajiet baġitarji, l-ewwel taħt il-limiti massimi attwali tal-QFP u mbaġħad minn strumenti speċjali eżistenti. Intenu l-importanza ta' implimentazzjoni leali ta' dan l-impenn bħala parti min-negozjati tal-baġit tal-2027 u ser nissorveljaw l-iżviluppi kollha mill-qrib biex niżguraw li dan jiġi rispettatt bis-sħiħ.

---